MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' April, 2004

Numru 1122/2004

Il-Pulizija
(Sp Kevin Borg)
vs
Giovanna Cassar, bint Anthony,
imwielda St. Venera fit-28 ta'
marzu, 1951

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f'lulju, 2004, fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzjjoni waħda –
1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew

sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ b'qerq għad-dannu tal-Awtorita' tad-Djar;
2. talli fl-istess data u lok, iffalsifikat ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġi preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern cioe' ricevuti tal-kera;
3. talli fl-istess data u lok, xjentement għamlet użu minn tali ġedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra hekk kif hawn fuq imsemmija;
4. sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għailha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' april, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ma kisbet ebda vantaġġ la għaliha u lanqas għal terżi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' april, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat il-fedina penali netta. Rat l-artikoli 308, 167, 169 u 188 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberhaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------